MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2012

Avviz Numru. 414/2010

Eugenio Zammit
Vs
Awtorita ghat-Trasport Malta

Fl-atti tal Ittra Ufficjali Numru 3886/10 tal-20 ta' Settembru 2010

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta' Eugenio Zammit ipprezentat fit-18 ta' Ottubru 2010 fejn ippremetta dan li gej:-

Illi nhar l-24 ta' Settembru 2011, l-esponenti gie notifikat b'ittra ufficjali mill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta fejn l-istess Awtorita intimata qieghda titlob il-hlas ta' hames mija u wiehed u disghin Euro u tlettax-il centezmu (€591.13) allegatament rappresentanti drittijiet tal-licenzja dovuti mir-rikorrent mill-1 ta' Dicembru 2002 sad-data tal-prezentata tal-ittra, kif ukoll is-somma ta' sitt mija u

tmeinja u sittin Euro (€668) rappresentanti multi amministrattivi.

Illi r-rikorrent qieghed joggezzjona bil-qawwa kollha il-kontenut ta'l-ittra ufficjali summenzjonata, u dana ghaliex l-istess rikorrent, snin ilu, ttrasferixxa lil terzi l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni **KAT 245** indikata fl-istess ittra ufficjali, u ghalhekk ir-rikorrent m'ghadux sid il-vettura msemmija.

Illi l-perjodu indikat fl-ittra surriferita li tieghu ma sarx il-hlas tal-licenzji u, konsegwentement tal-multi li gew imposti minhabba f'tali nuqqas, jikkoncidu mal-perjodu li l-istess vettura ilha mghoddija minghand ir-rikorrent lil terzi u li ghalhekk dan jindika bic-car illi l-ammont pretiz m'huwiex dovut mir-rikorrenti;

Illi r-rikorrent, meta ghadda c-cwievet tal-vettura lill-akkwirent, kien halla f'idejn l-istess sabiex isiru l-formalitajiet necessarji, inkluz it-trasferiment ta' dokumenti mal-awtoritajiet koncernati hekk kif kien weghdu l-akkwirent.

Illi r-rikorrent, meta gie, bl-ittra ufficjali mibghuta lilu mill-Awtorita intimata ghamel diversi tenattivi sabiex jitracca lil dan l-akkwirent izda irrizultalu li llum il gurnata dan ma jinsabx hawn Malta u li ma jaf lil hadd li jaf fejn jista jinsab;

Illi ghalhekk ir-rikorrent ma kellux triq ohra hlief li jipprezenta dan ir-rikors u ghalhekk qieghed joggezzjona il-kontenut ta'l-ittra ufficjali ghaliex l-ammonti indikati fl-istess zgur li m'humiex dovuti mir-rikorrent izda huma dovuti minn terza persuna li, kif spjegat, ir-rikorrent ma setax jintraccja u li ghalhekk ir-rikorrent m'ghandu l-ebda htija fir-rigward tan-nuqqas ta' hlas.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent umilment jitlob li, ghar-ragunijiet hawn fuq indikati, din il-Qorti joghgobha:

Tiddikjara li r-rikorrent m'huwiex responsabbli ghall kwalunkwe hlas marbut mar-registrazzjoni tal-vettura targata KAT 245;

Tordna lill-istess Awtorita intimata sabiex tiddesisti milli tkompli taddebita il-hlas tal-licenzja u multi relattivi lill-istess rikorrent

Konsegwentement tordna t-twaqqif ta'l-ezekuzzjoni ta'l-istess ittra ufficjali hawn annessa.

Salv provvedimenti ohra li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta fejn esponiet is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jrid jipprova l-allegazzjonijiet maghmula minnu fir-rikors tieghu.

2. Fit-tieni lok, ir-rikors odjern qieghed isir taht l-Artikolu 57 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond is-sub-artikolu (5) ta' l-istess Artikolu, r-rikorrenti kellu jindika x-xhieda li bi hsiebu jipproduci b'sustenn tat-talba tieghu. Lista tax-xhieda ma hemmx ma dan ir-rikors u ghalhekk, b'konsegwenza naturali ta' dan l-ebda, qieghed jigi umilment sotomess illi ebda xhieda ma tista titressaq f'dan il-kaz mir-rikorrenti.

3. Illi fil-mertu, jinghad li r-rikorrenti jammetti li "*l-istess rikorrent snin ilu ttrasferixxa lil terzi l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAT-245 indikata fl-istess ittra ufficjali, u ghalhekk ir-rikorrent m'ghadux sid il-vettura msemmija*" u "*Illi r-rikorrent meta ghadda c-cwievet tal-vettura lill-akkwirent kien halla f'idejn l-istess sabiex isiru l-formalitajiet necessarji, inkluz it-trasferiment ta' dokumenti mal-awtoritajiet koncernati hekk kif kien qeghdu l-akkwirent*". Illi ghalhekk ir-rikorrenti qieghed jammetti li huwa ma tghax l-avviz rikjest mill-ligi lill-Awtorita intimata ta' dan il-bejgh/trasferiment. Lanqas ma jirrizulta li r-rikorrenti pprezentat l-licenzja sabiex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tal-bejgh jew tat-trasferiment. L-obbligu li jinghata l-avviz u li jitnizzlu l-partikolaritajiet sostanzjali fuq il-licenzja hija ta' sid il-vettura (ir-rikorrenti)

u ta' hadd izjed. Hekk trid il-ligi. Ma jistax ir-rikorrenti, galadarba ma osservax il-ligi, issa jipprova jsib kenn fl-istess. Konsegwentement skond il-ligi (Art. 26 tal-Kap. 65), ir-rikorrenti ghadu responsabbli legalment ghall-licenzji dovuti.

GHALDAQSTANT l-Awtorita intimata titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, sabiex in vista tal-premess u ghal-ragunijiet ohra li jistaw jingiebu quddiemha, tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat ix-xhieda prodotta quddiem dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, fit 28 ta' Jannar 2011.

Fix-xhieda tieghu, **Eugenio Zammit** stqarr illi huwa kien il-propretarju tal-vettura tal-marka Mitsubishi Racer, bin-numru ta' registrazzjoni KAT 245, liema vettura huwa kien partat ma' Mercedes 123. Huwa stqarr illi meta partat il-karozza tieghu, huwa kien ftiehem ma' min kellu il-Mercedes illi r-rikorrent kellu jiehu hsieb it-transfer tal-Mercedes filwaqt illi dina t-terza persuna kellha tiehu hsieb it-transfer tal-Mistubishi. Ir-rikorrent, infatti, jghid illi huwa kien iffirma il-log book tal-Mistubishi filwaqt illi ha hsieb it-transfer tal-Mercedes, li infatti sar madwar tlett ijiem wara.

Ir-rikorrent jistqarr illi xi tlett ijiem wara, huwa kien cempel lill dina l-persuna, illi huwa jiftakarha bhala li jisimha Guzi, u dana qallu li l-Mistubishi kienet giet trasferita. Ir-rikorrent ftakar ukoll illi dana Guzi, minkejja li partat il-Mercedes mar-rikorrent, ma kienx sid il-Mercedes, peress illi ma kienetx f'ismu, u dana il-persuna kien jinnegozja fil-karozzi.

Fl-ahhar nett, dwar din it-terza persuna, ir-rikorrent jghid illi dana il-persuna, illi huwa minn Birkirkara, huwa mahrub minn Malta. Izid jghid ukoll illi l-ahhar li sema minghand din il-persuna kienet meta huwa kellmu sabiex jivverifika dwar it-transfer. Minn dakinhar, huwa qatt ma sema dwar din il-vettura u qatt ma rcieva xi citazzjonjiet jew komunikazzjonijiet ohra minghand tal-licenzji.

Xehed ukoll **Stephen Cachia** illi stqarr li mir-ricerki illi kien ghamel, il-vettura KAT 245 hija Mitsubishi Colt u ilha registrata f-isem ir-rikorrent mit-30 ta’ Settembru 1997. L-ahhar licenzja valida skadiet fit-30 ta’ Novembru 2002. Huwa kkonferma illi mkien ma jirrizulta illi l-vettura qatt gie trasferita mir-rikorrent lill terzi persuni. Mistoqsi jekk l-Awtorita jibghatux reminders dwar licenzji b’lura, Cachia stqarr illi fil-file tal-Awtorita tal-vettura innifisha, ma jirrizultax illi ntbghatu xi reminders.

Rat is-sottomissjonijiet ippresentati miz-zewgt partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti jidher illi l-fatti kollha tal-kaz jinkwadraw ruhhom fil-fatt illi meta r-rikorrent partat il-vettura tieghu ghall Mercedes 123, huwa naqas illi jiehu hsieb li jsir it-trasferiment tal-vettura tieghu KAT 245 minn ismu ghal isem it-terza persuna li lilha huwa ttrasferixxa il-vettura.

A differenza ta’ l-impressjoni illi r-rikorrent ta’ fil-bidu tax-xhieda tieghu, meta huwa partat il-vettura tieghu mal-Mercedes 123 li eventwalment huwa xtara, huwa ma kienx qieghed jaghmel it-trattattivi mas-sid tal-Mercedes li ha, izda kien qieghed jaghmel in-negozjati ma’ terza persuna bl-isem ta’ Guzi illi kien dealer tal-karozzi u li, in fatti, l-Mercedes ma kienetx f’ismu izda f’isem xi hadd iehor.

Il-fatt li r-rikorrenti kien qieghed jaghmel negozjati ma’ dealer u mhux ma persuna illi kien attwalment ser jixtri il-vettura tieghu messghet wasslet lir-rikorrent illi jaghti ferm aktar attenzjoni ghal-eghluq tat-transazzjoni, liema eghluq ma kienx komplut bit-tpartit tal-vettura, kif probabbilment haseb ir-rikorrent, izda kien ikun komplut biss mat-trasferiment tal-vettura tieghu KAT 245 mal-Awtorita intimate minn isem ir-rikorrent ghal fuq isem il-persuna li kien qieghed jixtriha.

La darba r-rikorrent naqas milli jassikura illi t-trasferiment tal-vettura KAT 245 gie kompluta u registrata mal-Awtorita intimata, huwa baqa ma ottemperax ruhu mal-obbligi imposti fuqu mil-Ligi u baqa responsabbli ghall-istess karozza f'ghajnejn il ligi, liema responsabbiltajiet, fost affarjiet ohra, jinkludu illi ihallas il-licenzja tal-vettura la darba hija ghadha bin-numrii ta' registrazzjoni tal-vettura. Ir-rikorrent jikkontendi illi dana it-terza persuna illi huwa ghamel in-negozjati ta' tpartit maghha u li ismu Guzi u minn Birkirkara issa huwa mahrub minn Malta u ghalhekk ma jistax jikkompleta dak rikjest minnu fil-Ligi.

Il-Qorti, filwaqt illi tapprezza l-fatt li r-rikorrent ma jistax jintraccja lill min biegh il-vettura, tishaq illi l-obbligu tieghu kif stabbilit fl-artikolu 26 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta kien illi jaghti avviz lill-Awtorita' illi sehh tali trasferiment billi jipprezenta c-certifikat iffirmat, liema obbligu hija personali fuq ir-rikorrent u ma tistax tigi devoluta fuq ebda persuna ohra, fis-sens illi, sakemm dina ma ssirx, il-vettura tibqa responsabbilta' tal-persuna f'isem min il-vettura hija registrata, fil kaz in kwistjoni, mar-rikorrenti. Ghalhekk, r-rikorrent messu qaghad attent meta ghamel it-trasferiment tal-vettura tieghu.

Fl-ahhar nett, b'referenza ghad-dikjarazzjoni tar-rikorrenti illi dina l-Qorti ghandha tkun Qorti tal-Gustizzja u mhux tal-Ligi, il-Qorti tirrileva illi l-Gustizzja isir billi l-Ligi tigi enforzata skond kif il-Legislatur jipproponiha u ghandha tigi adoperata ugwalment ma' kullhadd – il-fatt li r-rikorrent ghazel li jqabbad lil terzi persuni, mhux maghrufa, sabiex jikkompletaw it-trasferiment tal-vettura illi huwa kellu jaghmel, ma tezimix lir-rikorrent mill-obbligi imposti fuqu mill-Ligi dwar responsabbilta' tal-vettura u ghalhekk il-Qorti ghandha tassikura illi l-obbligi imposti fuq mill-Ligi jigu osservati.

Ghalhekk, la darba r-rikorrent ghazel li jafda lill terzi persuni illi huwa ma jafhomx bl-ezekuzzjoni ta' obbligi illi huwa kellu jaghmel, huwa ghandu ukoll ibaghti il konsegwenzi ta' l-ommissjonijiet kkawzati minn persuni minnu imqabbda, u dana ghaliex, a tenur tal-Ligi, il-

karozza hija dejjem ta' responsabbilta' tal-persuna illi fuqha hija registrata.

**Konkluzjoni**

Ghalhekk, in vista tas-suespost, din il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet rikorrenti u tilqa l-eccezzjonijiet tal-Awtorita intimata u tordna illi l-Ittra Ufficjali Numru 3886/10 tigi reza ezekuttiva ai termini tal-Artikolu 57 (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri huma a karigu tar-rikorrent.

L-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-ittra ufficjali fuq imsemmija, jigifieri mill-20 ta' Settembru 2010 (vide fol 14)

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------